MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2005

Numru 10/2004

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

***omissis***
**Anthony Camilleri**

**Il-Qorti:**

1. Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fil-15 ta' Lulju 2004 fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta v. John Bartolo u Anthony Camilleri***. L-appell

qed isir minn Anthony Camilleri biss, u hu limitat ghall-piena.

2. L-appellant Camilleri kien akkuzat quddiem l-ewwel Qorti b'kultivazzjoni tal-pjanta *cannabis* (l-ewwel kap) u b'pussess ta' l-imsemmija pjanta (it-tieni kap), kif ukoll li huwa recidiv. Taht l-ewwel kap l-Avukat Generali kien qed jitlob il-piena ta' prigunerija ghall-ghomor (oltre s-solita konfiska tal-proprjeta` tal-hati favur il-Gvern), filwaqt li taht it-tieni kap kien qed jitlob il-piena ta' prigunerija minn tmintax-il xahar sa tnax-il sena u multa bejn mitejn lira u ghaxart elef lira. Bartolo kien akkuzat b'dawn l-istess zewg reati (minghajr, pero`, ir-recidiva) kif ukoll bit-traffikar tal-*cannabis* (it-tielet kap, fejn intalbet ukoll il-piena ta' prigunerija ghal ghomru), bi hsara volontarja f'apparat ta' l-elettriku (Art. 326, Kap. 9, ir-raba' kap), zamma ta' arma u munizzjoni f'fond minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija (il-hames kap), u b'ricettazzjoni (is-sitt kap).

3. Kemm l-akkuzat Bartolo kif ukoll l-appellant odjern ghazlu li jipprevalixxu ruhhom mid-disposizzjoni ta' l-Artikolu 453A tal-Kodici Kriminali. B'rikors konguntiv ippresentat quddiem il-Qorti Kriminali fit-12 ta' Lulju 2004, l-Avukat Generali u John Bartolo talbu li, fl-eventwalita` li jkun hemm ammissjoni, l-imsemmi Bartolo jigi kkundannat *"ghall-piena ta' prigunerija ghall-periodu ta' tnax-il sena u multa ta' tnax-il elf lira Maltin (Lm12,000) oltre s-sanzjonijiet u konsegwenzi ohra tassattivi ghad-dikjarazzjoni u sejbien ta' htija ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 101, inkluz, imma mhux biss, il-konfiska ta' kwalunkwe flejjes u tal-proprjeta` immobbli u mobbli tal-istess akkuzat."* B'rikors konguntiv iehor presentat jumejn wara, l-Avukat Generali u Anthony Camilleri talbu li, dejjem fl-eventwalita` ta' ammissjoni ta' dan Anthony Camilleri, huwa jigi kkundannat *"ghall-piena ta' prigunerija ghal periodu ta' tmin snin u multa ta' tmint elef lira Maltin (Lm8,000) oltre s-sanzjonijiet u konsegwenzi ohra tassattivi ghad-dikjarazzjoni u sejbien ta' htija ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 101, inkluz, imma mhux biss, il-konfiska ta' kwalunkwe flejjes [u] tal-proprjeta` immobbli u mobbli tal-istess akkuzat."*

4. Effettivament fil-15 ta' Lulju 2004 kemm Bartolo kif ukoll Camilleri rregistraw ammissjoni, u dana wara li giet segwita d-debita formalita` stabbilita fl-Artikolu 453(1) tal-Kodici Kriminali sabiex jigi assigurat li tali ammissjoni tkun saret *"con pieno avvertimento e con deliberato consenso"*. L-ewwel Qorti, peress li kienet tal-fehma li s-sanzjoni – f'dan il-kaz kombinazzjoni ta' sanzjonijiet – mitluba kienet wahda legittima, applikat fil-konfront kemm ta' Bartolo kif ukoll ta' Camilleri il-piena ta' prigunerija u multa <u>kif mitluba minn kull wiehed minnhom</u> (bit-tnaqqis taz-zmien tal-arrest preventiv li kull wiehed minnhom kien diga` ghamel in konnessjoni mar-reati minnu ammessi, oltre l-konfiska u l-hlas ta' l-ispejjez peritali).

5. Kif inghad, Camilleri qed jappella fuq il-piena. Huwa jikkontendi, bazikament, li l-Qorti Kriminali ma kinitx marbuta bil-piena mitluba minnu u mill-Avukat Generali u dan peress li, skond hu, il-Qorti hija dejjem libera li taccetta jew ma taccettax il-piena mitluba mill-akkuzat u mill-Avukat Generali *"…u ghalhekk il-Qorti xorta kellha taghmel ezercizzju dwar il-fatt li l-periodu ta' tmin snin kienx wiehed esagerat jew le."* Fi kliem iehor l-appellant qed jghid li dak li huwa stess talab, u l-Qorti accettat, kien esagerat, u qed jitlob lil din il-Qorti biex issa tirriduci dik il-piena riferibbilment ghall-piena ta' prigunerija u multa.

6. Dan l-appell huwa wiehed altament fieragh. L-Artikolu 453A(1)(2) (is-subartikoli l-ohra ma humiex relevanti ghall-finijiet ta' dana l-appell) jipprovdi hekk:

**(1) Qabel ma l-imputat iwiegeb dwar il-kaz b'mod generali kif hemm provdut fl-Artikolu 453, l-imputat u l-Avukat Generali jistghu jitolbu lill-qorti, f'kaz li jkun hemm ammissjoni ta' htija, li tapplika sanzjoni jew mizura jew, meta jkun hemm provdut bil-ligi, kombinazzjoni ta' sanzjonijiet jew mizuri, tax-xorta u tal-kwantita` miftehma bejniethom u li dwarhom l-imputat ikun jista' jinghata sentenza meta jinsab hati ghar-reat jew ir-reati li jigi akkuzat bihom.**

**(2) Jekk il-qorti tkun sodisfatta li s-sanzjoni jew il-mizura, jew il-kombinazzjoni ta' sanzjonijiet u**

**mizuri, mitluba kif provdut fis-subartikolu (1) ikunu tali li kien ikun legittimu illi hija timponi mas-sejbien ta' htija ghar-reat li dwaru l-imputat ikun ammetta l-htija u ma jkollhiex ghaliex tordna li jitkompla li jsir il-guri tal-kaz ghal xi raguni msemmija fis-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 453 jew ghal xi raguni ohra li tichad it-talba, u wara li tispjega lill-imputat bi kliem car x'ikunu l-konsegwenzi tat-talba tieghu, il-qorti ghandha, meta ssir ammissjoni ta' htija ta' l-imputat, tghaddi biex taghti s-sentenza lilha indikata mill-partijiet fejn tiddikjara fid-decizjoni taghha li s-sentenza li tkun qeghda tinghata tkun qeghda hekk tigi moghtija fuq talba tal-partijiet.** (sottolinear ta' din il-Qorti).

7. Minn dan jirrizulta car x'inhi l-procedura li ghandha tigi addottata meta jkun hemm, kif ukoll x'inhi l-portata ta', talba konguntiva ghal sentenza skond l-imsemi Artikolu 453A:

(1) It-talba ghas-sanzjoni jew mizura bi qbil bejn l-akkuzat u l-Avukat Generali trid issir qabel ma l-akkuzat iwiegeb ghall-mistoqsija jekk hux hati tal-akkuza jew akkuzi migjuba kontra tieghu fl-Att ta' Akkuza (Artikoli 450 u 453(1), Kap. 9)

(2) Ghalkemm il-ligi ma tipprovdix kif din it-talba ghandha ssir quddiem il-Qorti Kriminali[1], huwa altament desiderabbli, biex ma jinqalghux ekwivoci, li din issir dejjem bil-miktub permezz ta' rikors konguntiv, kif sar f'dan il-kaz.

(3) Qabel ma l-akkuzat iwiegeb jekk hux hati, il-Qorti ghandha qabel xejn tara jekk il-kaz ikunx wiehed li, anke fl-eventwalita` ta' ammissjoni, hija tordna li xorta wahda jsir il-guri (b'mod ghalhekk li ma taccettax dik l-ammissjoni) ghal xi wahda miz-zewg ragunijiet imsemmija fl-Artikolu 453(2)[2] tal-Kodici Kriminali. F'kaz li tkun tal-

[1] Huwa biss quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja li l-ligi ssemmi nota konguntiva – ara l-Artikolu 392A(5) tal-Kap. 9.

[2] Cioe` jekk ikun hemm "raguni tajba biex wiehed jiddubita jekk ir-reat *in genere* kienx gie tassew maghmul, jew jekk l-akkuzat hux hati tar-reat".

fehma li hemm xi wahda minn dawn iz-zewg ragunijiet il-Qorti ghandha tinforma lill-prosekuzzjoni u lid-difiza fil-qorti bil-miftuh, tichad it-talba konguntiva li tkun saret, u tordna li jsir il-guri.

(4) Ukoll qabel ma l-akkuzat iwiegeb jekk hux hati, il-Qorti Kriminali trid tezamina zewg affarijiet ohra. L-ewwel trid tara jekk is-sanzjoni jew mizura, jew kombinazzjoni taghhom, hix wahda li hija tista' legittimament timponi fil-kaz ta' ammissjoni (*"…is one which it would have been lawful for it to impose upon conviction for the offence…"*). Hu evidenti li hawn il-legislatur qed jillimita ruhhu ghal dik li hi l-legalita` tas-sanzjoni jew mizura mitluba (ez. tintalab li tigi imposta multa meta l-ligi tipprovdi ghall-piena ta' prigunerija jew vice versa, jew tintalab piena li tkun ghola jew anqas minn dik stabbilita skond il-ligi, jew tintalab li tigi applikata mizura li l-ligi stess tkun teskludi fil-kaz partikolari). Dan l-ezami ma jikkoncernax il-*quantum* tal-piena jew jekk ghandhiex tigi ezercitata xi diskrezzjoni mhollija f'idejn il-Qorti biex tigi applikata mizura flok sanzjoni, jew biex tigi applikata sanzjoni b'certa modalita` (ez. ordni ta' *probation* flok il-piena stabbilita mil-ligi, jew sentenza ta' prigunerija sospiza flok wahda b'effett immedjat). Jekk il-Qorti tkun tal-fehma li s-sanzjoni jew mizura (jew kombinazzjoni taghhom) mhix wahda legittima fis-sens hawn aktar 'l fuq imfisser, hija ghandha tinforma lill-partijiet bin-nuqqas ta' legittimita` ossia legalita` ta' dak li jkunu qed jitolbu, u konsegwentement tichad it-talba. S'intendi ma hemm xejn x'josta li l-partijiet – dejjem qabel ma' l-akkuzat iwiegeb hux hati – jergghu jipproponu sanzjoni jew mizura li l-Qorti tkun tista' legittimament timponi.

(5) Pero` l-Qorti – u din hija t-tieni haga li trid tezamina – jista' jkollha "raguni ohra" ghala tichad it-talba tal-partijiet qabel ma' l-akkuzat iwiegeb hux hati, u dan peress li dik il-Qorti ma tkunx taqbel jew mal-*quantum* tal-piena (jew ta' xi modalita` taghha) jew ma' l-applikazzjoni ta' xi mizura li tkun qed tintalab (ez. meta tintalab l-applikazzjoni ta' ordni ta' *probation*). Il-Qorti, per ezempju, tista' tkun tal-fehma li l-piena mitluba hija baxxa wisq tenut

kont tal-gravita` tal-kaz, jew li l-piena hija harxa wisq tenut kont ta' xi cirkostanzi attenwanti li jkun hemm; jew li mas-sanzjoni jew mizura li tkun qed tintalab ma jkunx hemm sanzjonijiet jew mizuri ancillari li ghandhom jigu inkluzi bhal, per ezempju, konfiski, jew kancellament ta' licenzji, jew il-hlas ta' l-ispejjez peritali[3]. F'dan il-kaz il-Qorti ghandha (dejjem qabel ma' l-akkuzat iwiegeb ghall-mistoqsija) semplicement tichad it-talba minghajr ma taghti ebda ragunijiet, u dan peress li l-gudikant ma ghandu qatt, salv ghal eccezzjoni wahda, jindika x'piena (jew mizura) huwa jkun iqis li tkun addattata ghall-kaz qabel ma l-akkuzat jammetti. L-unika eccezzjoni – u f'dan ir-rigward il-qrati taghna mxew fuq il-prassi tal-qrati Inglizi – hija fis-sens li l-gudikant jista' jindika, fil-qorti bil-miftuh, li sia jekk ikun hemm ammissjoni u sia jekk le, is-sentenza ghandha tiehu forma partikolari (ez. piena karcerarja jew *probation* jew *conditional discharge*) (ara f'dan is-sens is-sentenzi ta' din il-Qorti, fil-kompetenza taghha inferjuri, fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Mario Spagnol*** u ***Il-Pulizija v. Jason Spagnol***, it-tnejn tas-6 ta' Jannar 2005, kif ukoll ***Il-Pulizija v. Anthony Zammit*** tat-12 ta' Jannar 2005).

(6) F'kaz, pero`, li l-Qorti Kriminali tkun taqbel mal-piena mitluba, hija ghandha semplicement tinforma lill-partijiet li hija taqbel mas-sanzjoni jew mizura, jew kombinazzjoni ta' sanzjonijiet u mizuri mitluba. Hawnhekk ghandha ssegwi l-ispjegazzjoni "bi kliem car x'ikunu l-konsegwenzi tat-talba tieghu" lill-akkuzat, u wara ssir il-mistoqsija skond l-imsemmi Artikolu 450[4]. F'kaz li jkun hemm ammissjoni da parti ta' l-akkuzat, u dan jippersisti f'dik l-ammissjoni anke wara li jkun gie mwissi kif provdut fl-Artikolu 453(1), il-Qorti tkun obbligata li timponi dik il-piena hekk mitluba (*"…ghandha…tghaddi biex taghti s-sentenza lilha indikata mill-partijiet…"*). Il-piena mitluba f'dan il-kaz effettivament tekwivali ghal piena iffissata bil-ligi: il-ligi f'dan il-kaz taghmel taghha l-piena indikata mill-partijiet. F'kaz li ma jkunx hemm ammissjoni, il-Qorti ma tkunx marbuta bil-piena indikata mill-partijiet.

---

[3] S'intendi, jekk dawn is-sanzjonijiet jew mizuri ancillari jkunu tassattivi, allura l-kwistjoni tkun proprjament ta' legittimita` taht il-paragrafu precedenti.
[4] Jew l-Artikolu 392(1)(b) meta si tratta tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja.

8. Skond l-Artikolu 500(1) tal-Kodici Kriminali, il-hati ma jistax jappella kontra s-sentenza meta din tkun wahda iffissata bil-ligi. Huwa ghalhekk li f'dan il-kaz l-appellant Camilleri ma jistax jappella mis-sentenza – f'dan il-kaz mill-piena ta' prigunerija u multa – moghtija mill-Qorti Kriminali. Kienet tkun differenti l-posizzjoni li kieku l-prosekuzzjoni u d-difiza ftehmu (ghal dik li hija prigunerija u multa) mhux fuq piena determinata (tmin snin u tmint elef lira) izda fuq piena entro certi parametri (ez. prigunerija ta' mhux anqas minn hames snin u mhux aktar minn tmin snin) b'mod li l-ewwel Qorti xorta wahda ikollha certu ammont ta' diskrezzjoni. F'tali eventwalita` wiehed ma jistax jitkellem dwar piena "iffissata bil-ligi" – din il-Qorti tittama li meta l-partijiet jitolbu l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 453A il-piena li huma jitolbu tkun wahda determinata u mhux entro parametri kif fuq imfisser, u dan proprju biex jigu evitati kwistjonijiet ta' piena fl-appell.

9. Pero` anke li kieku, ghall-grazzja ta' l-argument u ghall-grazzja ta' l-argument biss, ma kienx hemm id-divjet imsemmi f'dan l-Artikolu 500(1) (ez. kieku l-appellant ikkontesta u nghata l-piena li effettivament inghata, jew kieku ma kienx hemm it-talba bejn il-partijiet ghal sanzjoni jew mizura partikolari skond l-Artikolu 453A) l-appell huwa xorta wahda altament fieragh peress li ma hemm oggettivament ebda raguni li tiggustifika varjazzjoni fil-piena erogata mill-ewwel Qorti. Il-frivolita` ta' dan l-appell tiskaturixxi mill-fatt li l-appellant stess qed jipprova jikkontesta l-piena li huwa stess kien talab!!

10. Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. U peress li dana l-appell huwa wiehed fieragh, wara li rat l-Artikolu 512(3) tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lill-appellant multa ta' mitt lira konvertibbli f'ghoxrin gurnata prigunerija f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------